**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 50 – LAQGĦA AD-HOC**

IT-TLIETA 4 TA' DIĊEMBRU 2012 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

**I** Ħatra ta' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qrat l-ittra li rċeviet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ħatra ta' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġdida, is-Sinj. Gabriella Aguis. Dwar din il-materja hija nfurmat li diga' ghamlet laqgha nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2012 mas-Sur C. Bonello, Segretraju Privat tal-PM u li ghaliha attenda wkoll id-Direttur tal-Gvern Lokali , is-Sur Carmel Abela. Hija rrappurtat li fil-laqgha ghamlitha cara li mhux ġust li din il-hatra tigi mposta fuq il-Kunsill u ghaldaqstant infurmat lid-Direttur li din il-hatra l-ewwel se tigi diskussa f' din il-laqgha ad-hoc.

Is-Sindku qrat ukoll kommunikazzjoni li rċeviet b'email mingħand id-Direttur fejn dan ssostna dak li kien gie miftiehem fil-laqgha li sa nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill kellu japponta Agent Segretraju Ezekuttiv. Hawnhekk hija pproponiet li l-Kunsill jahtar lis-Sur Paul Pace, preżentament is-Segretrju Eżekuttivta' Ħal Tarxien, bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex. Il-Viċi Sindku A. Farrugia u l-Kunsillier F. Roe issekondaw din il-proposta.

Il-Kunsill iddiskuta l-proposta u gie stabilit li qabel ma ttiehed id-decizjoni l-Kunsill ghandu jiltaqa' mas-Sur Pace peress li mhux kulhadd kellu konoxenza tieghu. Ghaldaqstant gie deciz unanimament li ghandna nitolbu lid-Direttur biex id-data ta' l-10 ta' Dicembru 2012 tigi estiza sa nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2012. Il-Kunsill qabel li l-laqgha ma' Sur Paul Pace nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2012 u f' kaz li hu ma jkunx jista', is-Sindku hadet l-inkarigu li ssib data ta' meta l-Kunsill jkun jista' jiltaqa' mieghu.

Il-laqgha spiċċat fit-18:30 u sar a[[ornament għal nhar il-Tnejn 10 ta' Novembru fil-17:30.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — A.Segretarju